MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1480/2001/1

**Cemil Yildiz**

**vs**

**Dr Renzo Porsella-Flores u l-PL Victor Bugeja b'digriet tal-10 ta' Settembru 2001 gew nominati bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-imsiefra Geralda Helena Galampanuo Camilleri mart l-istess Cemil Yildiz, u d-digriet tal-14 ta' Settembru 2001 l-istess Kuraturi Deputati gew estromessi mill-atti tal-kawza u minflok gie nominat Dr Adrian Delia bhala Kuratur Deputat ghall-istess assenti.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu bir-Registru fis-27 ta' Awissu, 1996, u dan kif jidher mill-anness certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dokument "A";

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null stante li hu vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha a tenur tal-**artiklu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg;**

Illi dan iz-zwieg huwa null wkoll ghar-raguni illi l-kunsens ta' wiehed mill-partijiet inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-**Att taz-Zwieg skond l-artiklu 19 (1) (f) tal-istess Att Numru XXXVII/1975 dwar iz-zwieg;**

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fis-27 ta' Awissu, 1996 huwa null u bla effett fil-Ligi;

Illi l-istess attur ghalhekk talab li l-istess konvenuta tghid il-ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fis-27 ta' Awissu, 1996 huwa null u bla effett a tenur tal-**Artiklu 19 (1) (d) u (1) (f) tal-Att tal-1975 Dwar iz-Zwieg** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u ghar-ragunijiet ohra li jigu ttrattati waqt l-andament tal-kawza, u taghti dawk il-provvedimenti l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 5 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-10 ta‘ Settembru 2001 fejn gew nominati bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti konvenuta fl-atti tal-kawza Dr Renzo Porsella-

Flores u l-PL Victor Bugeja u sussewgentement b'digriet tal-14 ta' Settembru 2001 id-digriet precedenti gie revokat *contrario imperio* u minflok dahal fl-atti tal-kawza bhala Kuratur Deputat Dr Adrian Delia (fol 6 sa fol 13).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati tal-24 ta' Mejju 2002 fejn gie eccepit:

Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar il-quddiem,

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol 19 tal-process;

Rat il-verbali tal-4 ta' Gunju 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet ta' 40 jum kull wiehed.

Rat in-nota tal-attur tal-20 ta' Settembru 2002 fejn permezz taghha gew prezentati hames affidavits (fol 25 sa 42 tal-process).

Rat il-verbali tal-1 t'Ottubru 2002 u tal-21 ta' Novembru 2002 fejn il-kawza giet differita gha-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2003.

Rat in-nota tal-konvenuta tal-21 ta' Novembru 2002 fejn gie prezentat l-affidavit taghha stess.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. KAWZA ODJERNA

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta celebrat fis-27 ta' Awissu 1996 jigi dikjarat null u bla effett *stante* li fil-premessi tieghu hu qed jghid illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-

drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll, minhabba li l-kunsens taghhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

## B. PROVI PRODOTTI

Illi fit-traduzzjoni ta’ l-affidavit tieghu l-attur **Cemil Yildiz** qal is-segwenti:

“*Ili naf lil Geralda ghal dawn l-ahhar erba' snin. Meta kont iltqajt ma Geralda kont ili hawn Malta sena u kont nahdem hawn Malta bil-permessi kollha mehtiega skond il-ligi.*

*Dak z-zmien, kont qed nghix gewwa l-Isla. Dan huwa l-post fejn iltqajt ma Geralda. Geralda, fil-fatt ukoll tghix f’Isla. Konna nohorgu spiss flimkien. Fil-fatt, filaghxija konna niltaqaw ma xi hbieb tieghi. Konna mmorru gewwa dan il-bar li jinsab biswit il-bahar. Hawnhekk kien fil-fatt il-post fejn iltqajt ma Geralda.*

*Immedjatament hsibt li Geralda kienet persuna simpatka hafna. Kienet persuna 'open' u li maghha seta' jkolli konversazzjoni. Peress illi Geralda ghandha personalita` fuq ruhha hafna kif ukoll peress illi jiena kont ninsab wahdi f'Malta, peress illi l-familjari tieghi jinsabu kollha t-Turkija, bdejna nohorgu flimkien wara biss ftit gimghat.*

*Meta ltqajna, hi kienet diga ghandha tifel imwieled barra z-zwieg u dan kien rizultat ta’ relazzjoni precedenti, minkejja dan, meta bdejn nohorgu flimkien hi ma kienet qed tara lil hadd iktar.*

*Wara li konna ilna nohorgu flimkien ghal xi sentejn u nofs, bdejna nitkellmu dwar il-possibilta' li nizzewgu. Kienet tghidli li minn mindu kien twieled binha, beda jkollha problemi serji ma ommha u xtaqet minhabba f'hekk titlaq mid-dar. Bhala konsegwenza ta' dan, nahseb illi z-zwieg kien mod kif hi setghet tahrab minn*

*dawn il-problemi li kellha d-dar. Hi kienet tghid li ma setghet tara l-ebda soluzzjoni ohra hlief dik li tizzewweg peress illi hi ma xtaqetx tghix wahedha ma binha.*

*Meta bdejna nikkunsidraw iz-zwieg, hi kienet tevita d-diskors anke ghaliex ghaliha z-zwieg kien mod kif tahrab minn ommha. Fil-fatt hi qatt ma kkunsidrat sew x'setghu kienu l-konsegwenzi taz-zwieg. Fil-fatt spiss kienet tghidli li galadarba r-relazzjoni taghna kienet tant tajba stajna nizzewgu u din kienet tkun gustifikazzjoni tajba ghal ommha. Fil-fatt, izzewwigna nhar is-27 ta' Awissu, 1997. Xhieda taz-zwieg kienu Semsi Erhan u Rita Gatt Rashed.*

*Punt iehor li xtaqt insemmi hu Ii ftehmna wkoll li minkejja li konna nhossu li nhobbu IiI xulxin, ma kienx ser ikollna tfal flimkien. Dan il-ftehim kien minhabba l-fatt Ii Geralda kien gia ghandha tifel u wkoll, jien kont ghandni mhux finanzjarjament stabbli peress illi kont ghadni qed nibni business hawn Malta.*

*Wara li kont iddecidejt wara sentejn li nizzewweg, kont cempilt lil ommi u ghidtilha Ii kont ser nizzewweg. Meta spjegajtilha s-sitwazzjoni kif kienet, ommi ippruvat tiftahli ghajnejja u qaltli li z-zwieg ma jistax ikun ibbazat fuq certa kundizzjonijiet jew jigi wzat bhala mezz kif tahrab mill-problemi. Kienet qaltli illi f'dawn is-sitwazzjonijiet l-imhabba ma kenitx bizzejjed. Minkejja dan kollu, kont inhoss li Geralda u jien kellna relazzjoni b'sahhitha u l-fatt li konna tant "open" ma xulxin kont naraha, iktar milli haga negattiva, bhala haga li kienet ta' beneficcju ghalina.*

*Fl-ewwel sena ta' zwieg, kollox kien jidher miexi sewwa. Konna nohorgu flimkien, izda wara Ii spiccat dik is-sena, irrifjutat li tohrog mieghi iktar and xtaqet tghix hajja bhal Ii kieku kienet regghet 'single'.*

*Ovvjament wara ftit zmien ir-relazzjoni bdiet tiddizintegra minghajr raguni, fil-fatt Geralda, fuq ammissjoni taghha, bdiet tara irgiel ohra fuq bazi regolari. Kont ippruvajt nikkonvinciha li jekk kienet ser tibqa' tagixxi b'dan il-mod*

*ma konniex inkunu nistghu insalvaw iz-zwieg, izda Gerlada kienet qaltli li ghaliha z-zwieg kien spicca. Il-fatt li kienet qeghda tiltaqa ma rgiel ohra huwa indikattiv ta' dan. Peress illi dak iz-zmien kont nahdem filghaxija, kienet thalli lil binha ma ommha jew xi habiba u tohrog.*

*Meta gibt il-permess biex nahdem, bdejt nopera 'catering business' li ovvjament ifisser li kont nahdem sighat twal. Geralda qatt ma garret fuq dan. Ma kienx jimpurtaha. Kont offrejtilha li nnaqqas dawn is-sighat izda dan ma kienx jinteressaha. Kienet tghid li kienet xebghet u li ma kienetx ghadha thobbni. Fil-fatt minflokk ippruvat issalva z-zwieg kif kont ippruvajt naghmel jien, wara sena biss ta' zwieg, rieditni barra mid-dar. Matul dan iz-zmien jigifieri 1998, bdiet relazzjoni ma ragel mizzewweg jismu Dione. Ovvjament, in konsegwenza ta' dawn ic-cirkostanzi, jien ma stajtx nibqa' nghix maghha galadarba kont naf li hi ghandha realzzjoni ma ragel iehor. Nixtieq nghid ukoll illi ftit wara li Geralda talbitni nitlaq mid-dar taghha, bejn wiehed u iehor 1999, Geralda harget tqila.*

*Meta nhares lejn is-sitwazzjoni kollha u r-ragunijiet ghaliex izzewwigna, nirrejalizza li kemm jien u kemm Geralda konna irresponsabbli hafna u immaturi meta kkunsidrajna li z-zwieg kien l-ahjar soluzzjoni ghalina. Hassejt u naf li ommi kellha ragun meta qaltli li konna qed nizzewgu ghal ragunijiet zbaljati. Nixtieq nghid ukoll li l-fatt li Geralda bdiet relazzjoni ma ragel iehor wara zmien hekk qasir, minkejja l-fatt li jien wrejt xewqa li nsalva z-zwieg, jindika li jien kont biss mezz ta' kif setghet tahrab minn ommha li kienet dominanti hafna. Ma nahsibx li hi kienet fhemet x'kienu responsabbiltajiet, obbligi u konsegwenzi taz-zwieg. L-azzjonijiet taghha jitkellmu ghalihom."*

Illi fl-affidavit taghha **l-konvenuta Geralda Galampanuo** qalet is-segwenti:

*"Jiena Geralda u ili naf lil Cemil li jiena nghajatlu bl-isem James, ghal dawn l-ahhar erba' snin.*

*Meta ltqajt ma James jien gia kelli tarbija li jismu Janile minn bahri Filippin li kien jismu Joel. Dan ir-ragel jiena*

*kont iltqajt mieghu meta kelli xi sittax-il sena. Kont bdejt nohrog ma missier Janile b'imhatra li ghamilt ma habiba tieghi gewwa bar f'tas-Sliema li kien il-post fejn precizament iltqajt ma Joel. Wara xi xahar bdejna nohorgu flimkien. Ghandi nghid li jien dejjem xtaqt li jkolli tarbija samra u ohra bjonda u ghalhekk wara li domna nohorgu flimkien xi tlett snin hrigt tqila. Meta kelli t-tarbija bdejna nghixu gewwa "furnished flat" f'tas-Sliema. Ir-relazzjoni tieghi ma Joel kienet spiccat ghaliex tista' tghid li kien abbandunani. Kien qalli li kien ser ikun jahdem fuq bastiment izda pero' qatt ma rritorna lura Malta.*

*Peress illi jien kelli tarbija x'inmantni, bdejt nahdem iktar minn qatt qabel. Dak iz-zmien kont nahdem il-Fortina Hotel f'tas-Sliema. Kont bqajt nghix gewwa l-flat peress illi kont gia hallast il-kera u anke ghaliex ma xtaqtx nirritorna ma ommi peress illi konna niggieldu hafna bejnietna. Izda wara ftit irritornajt nghix fid-dar ta' ommi.*

*Jiena kont domt xi sena nistenna lil Joel izda hu qatt ma rritorna. F'dan il-perjodu ta' stennijja ma tantx kont nohrog. Kont nahdem u niehu hsieb lil ibni. Izda meta ergajt mort nghix l-Isla ma ommi kont ergajt bdejt nohrog mal-hbieb tieghi tal-Isla fosthom Rita Gatt Rashed u Tanya Cancio. Peress illi ommi ma kenitx tiehu gost illi nohrog u nhallilha lil Janile maghha sabiex tiehu hsiebu, kont nigdbilha li sejra nahdem u minflok kont immur Paceville ma shabi niddeverti.*

*Lil James kont iltqajt mieghu l-Isla gewwa bar li llum ma niftkarx x'jismu. Kien gie jghix l-Isla flimkien ma xi seba' Torok ohra hbieb tieghu. Kont iltqajt mieghu gewwa dan il-bar peress illi hu kien gie jistaqsini xi informazzjoni. Meta iltqajt mieghu l-ewwel darba kont immedjatament hsibt li kien attraenti izda ma kont inhoss xejn ghalih. Konna domna xi xaghrejn nohorgu bhala hbieb u nista' nghid illi qatt ma konna nkunu wahedna. Dejjem niftakar li kien ikun hemm il-hbieb taghna maghna.*

*Wara xi xaghrejn hrug flimkien bhala hbieb James (Cemil) kien staqsieni jekk nixtieqx li xi darba nohrog mieghu sa Paceville wahedna. Jien accettajt u minn dak iz-zmien*

*bdejna nohorgu flimkien. F'dan il-perjodu jien ma kontx inhoss li kont "in love". Kull ma nista' nghid hu illi kont niehu gost bil-kumpanija ta' James u bil-konversazzjonijiet li kien ikollna flimkien. Ma kontx inhoss imhabba bhal ma kont inhoss ghall-missier Janile u ghall-gharus li ghandi prezentzjalment.*

*Wara xi sentejn li konna ilna nohrogu flimkien, bdejna nitkellmu dwar il-possibilta` li nizzewgu. Li nixtieq nghid hawnhekk hu li jien kont ghadni nghix ma ommi f'dan il-perjodu u kelli seba' mitt sena sabiex nitlaq. Dan kien ghaliex ommi kienet persuna 'bossy' hafna u 'strict'. Minn dejjem hekk kienet. Ma kenitx thallini libera li naghmel dak li rrid jien u allura konna spiss "nikklaxxjaw". Tant hu hekk illi dak iz-zmien jien u l-habiba tieghi Rita konna iddecidejna li nikru post flimkien gewwa l-Isla stess u dan ghaliex ma kontx flaht nghix iktar ma ommi. Meta sirt naf illi Rita kienet sabet post l-Isla ma tantx xtaqt immur nghix fih ghaliex kien vicin id-dar ta' ommi, izda kollox kien tajjeb purche' ma nibqax maghha. Kien jinqala' hafna glied ma ommi peress illi jien kont qieghda nahdem hafna sabiex inhallas il-kera tal-post u ommi kien ikollha tqatta' hin twil 'babysitting' ma Janile. Hi kienet tiddejjaq hafna b'dan specjalment meta jien kont nghidilha terga' zzommuli sabiex nohrog daqsxejn ma James (Cemil). Din is-sitwazzjoni ta' tensjoni bejni u ommi ma stajtx niflaha iktar u wara li kont hallast tlett kwarti 'key money', sid il-post taghtni c-cavetta u mort nghix fil-post flimkien ma Rita.*

*F'dan il-perjodu jien u James bil-kemm konna niltaqaw. It-tnejn konna nahdmu hafna u dan ghaliex James kien jahdem ta' bil-lejl gewwa s-Santana Hotel, Bugibba u jien kelli seba' mitt sena sabiex nidhol gol-post il-gdid u ghalhekk kelli nahdem hafna biex inhallas il-kera. Minhabba dawn il-fatturi kollha, James (Cemil) kien staqsieni sabiex nizzewgu ghaliex ftit li xejn konna niltaqaw u nqattaw hin flimkien. Meta James (Cemil) kien ippropona li nizzewwgu jien ma tantx qadt nahsibha u kont ghidt lil Rita "u iva, issa nizzewweg u naraw kif tigi".*

*Wara xi xahar minn meta kien talabni li nizzewgu, izewwigna fil-27 ta' Awwissu, 1997. Jien ma kont ghidt lil*

*hadd li konna se nizzewgu lanqas lil ommi ghaliex kieku hi qatt ma kienet ser taccetta sitwazzjoni bhal din. Nixtieq insemmi wkoll illi jien kont spjegajt lil James illi ma xtaqtx illi jkollna tfal flimkien peress illi ghalkemm jiena t-tfal kont u ghadni nhobbhom, ma kontx inhossni komda illi jkolli tfal ma James (Cemil).*

*Wara ftit taz-zmien forsi xi sena jew inqas l-affarijiet bdew sejrin hazin. James kien jahdem hafna u jien ma kontx lesta li noqghod wahdi nistennieh. Kont nohrog flimkien mal-hbieb tieghi Rita u Tanya u konna ninzlu lejn ix-xatt flimkien. Ovvjament minhabba din is-sitwazzjoni ma tantx kont bqajt narah u nqatta' hin mieghu. Gieli kont immur il-hanut fejn kien jahdem izda bit-tifel ma tantx kont inkun nista' ndum hemmhekk.*

*Nixtieq inzid illi James kien offra li jnaqqas il-hin tieghu ix-xoghol izda peress li jien kont dhalt fir-rutina ta' hrug ma shabi u kont komda hekk, ma ridttux inaqqas mix-xoghol. F'dan il-perjodu u cioe' fil-1998, iltqajt ma' ragel iehor li jismu Dione u li ghadni mieghu sal-lum. Lil Dione kont iltqajt mieghu il-'Manchester Bar' gewwa l-Isla. Kont mort f'dan il-bar flimkien ma Tanya. Meta rajtu kont mal-ewwel hsibt illi kien attrajenti hafna b'ghajnejh 'blu' u staqsejt lil Tanya tintroducina peress illi kienet tafu. Wara li konna ilna ftit gimghat hbieb, Dione kien beda jiftah qalbu mieghi u li kien mizzewweg u kellu bosta problemi mal-mara tieghu. Minn dan iz-zmien bdejna relazzjoni flimkien. Wara ftit taz-zmien James beda jissuspetta li kelli relazzjoni. Kien avvicinani u jien kelli nghidlu l-verita`. Wara dan darba minnhom gejt lura mix-xoghol u ma sibtux id-dar.*

*F'Novemhru tal-1998 hrigt tqila minn Dione u kelli tarbija ohra jisimha Sarah Ellen li hija bjonda ezattament kif xtaqtha jien.*

*Meta nahseb fuq ir-ragunijiet ghalfejn izzewwigna ninduna li kienu kompletament zbaljati ghaliex in realta' jien qatt ma kont inhobbu lil James (Cemil). Kont nikkunsidrah iktar bhala habib. Nista' nghid illi meta kkunsidrajt li nizzewweg lil James (Cemil) kont hsibt biss f'dak li stajt niggwadanja f'sens ta' sigurta' ghall-ibni u iktar u iktar, il-fatt illi biz-*

*zwieg ommi ma kenitx tkun f'posizzjoni li tindahal iktar f'hajti. Certament la jiena u lanqas James (Cemil) ma konna ppreparati ghaz-zwieg. Fl-ebda mument ma hsibna f'dawk li setghu kienu il-konsegwenzi tal-azzjonijiet taghna. Jiena naf u nammetti li dhalt ghaz-zwieg minghajr ma kont harist lejn l-obbligi u r-responsabbiltajiet ta' tali rabta. In effetti z-zwieg tieghi ma James (Cemil) qatt ma kien jiswa xejn ghalija kemm mill-aspettt emozzjonali u kemm mill-aspett fattwali. James (Cemil) kien semplicement vinkolu li jien uzajt sabiex nahrab mill-aktar fis mill-kontroll ezasperanti li ommi kienet tezercita fuqi."*

Illi bhala xhieda gew prezentati wkoll l-affidavits ta' Robinette Vassallo - li tigi omm il-konvenuta, Tania Ciancio - habiba tal-konvenuta, Andrew James Winters - hu l-konvenuta u Rita Gatt Rashed - habiba tal-konvenuta.

## C. Ligi Applikabbli ghall-Kaz *De Quo*

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi ddikjarat null u bla effett *stante* li qed isostni li l-istess zwieg kien vizzjat peress li hu kellu difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u / jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu; il-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan kollox *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d)** u / jew **(f)** tal-**Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

***"Artikolu 19 (1)*** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha*

*impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid iIli z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda miIl-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** miIl-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta' l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju **"***supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"*.

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage…….. Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity……"***.**

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard in*** **'L'immaturite' et le consentement matrimonial"** (pg. 54-55***)*** jghid is-segwenti*:*-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.*

***(Viladrich, P.J. "Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** (Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Viladrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi dan kollu huwa ghal kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali kkonsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant li fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) inghad li:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun*

*mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'".*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossubilita' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza* ***"Micallef vs Micallef"*** *deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li*

*jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p. 912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'."*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossolubilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. *Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns***, fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi ghalhekk l-partijiet resqu ghal dan iz-zwieg ghar-ragunijiet precizi taghhom, totalment indipendenti minn dak li parti kienet thoss ghall-ohra, u *vice versa,* u dan huwa ghal kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali konsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, u hawn issir referenza ghal dak li nghad fid-decizjoni **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) li ghaliha qed issir referenza.

## D. APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fl-ewwel lok il-konvenuta dahlet ghal dan iz-zwieg bl-iskop uniku li tahrab mid-dar t'ommha peress li hija qalet li hassitha ssikkata b'din il-hajja; konferma ta' dan huwa l-fatt li l-istess konvenuta kwazi mill-bidu baqghet tghix hajja ta' xebba u jidher li ma

kellha ebda gibda partikolari lejn l-attur hlief fis-sens li kien habib taghha, pero` certament mhux aktar minn dan.

Illi fil-fatt iz-zwieg ghaliha kien avventura u fil-fatt ma dametx ma kellha relazzjoni ma' persuna ohra b'mod li hija wriet bic-car b'dak kollu li ghamlet li ma kellhiex id-diskrezzjoni necessarja sabiex tifhem ghalxiex kienet diehla u mhux l-inqas id-drittijiet u d-dmirijiet ta' persuna mizzewga.  Jista jinghad, bil-Malti car li lanqas biss kaz taghhom ma tat u din hija immaturita` tali li certament twassal ghal vizzju ta' kunsens fit-termini legali ta l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255.**

Illi apparti minn dan jidher ammess mill-partijiet u anke korroborat mix-xhieda minnhom prodotti, li r-relazzjoni tal-partijiet qabel iz-zwieg tant kienet platonika u qatt immirata ghal hajja dejjiema flimkien li l-partijiet fthemu qabel iz-zwieg, li huma ma kellhomx ikollhom wild mill-istess unjoni anke jekk formalizzata biz-zwieg civili u certament li dan kif ritenut f'diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati jammonta ghall-vizzju ta' kunsens tal-partijiet ghall-istess zwieg peress li il-prokreazzjoni ta' l-ulied huwa certament wiehed mill-elementi bazici taz-zwieg ghalkemm ovvjament, mhux l-uniku.

Illi ladarba ma hemm l-ebda dubju li l-prokreazzjoni tal-ulied hija wahda mill-elementi essenzjali taz-zwieg ghalhekk l-eskluzjoni tal-istess tirrendi l-istess zwieg null u bla effett abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** u f'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad f'dan ir-rigward fis-sentenza **"Odette Farrugia vs Bernard Fenech"** deciza fl-1 t'Ottubru 2002 – Cit Nru: 196/02/RPC u wkoll ghal sentenzi ohra decizi mill-istess Qorti kif prezentament komposta.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuratur deputat in kwantu l-istess huma nkompatibbli mat-talba attrici, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fis-27 ta' Awissu, 1996 huwa null u bla effett a tenur tal-**artiklu 19 (1) (d) u (1) (f) tal-Att tal-1975 Dwar iz-Zwieg** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

BI-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**---------------------------------TMIEM---------------------------------**